**6 ta' Frar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Emanuel Debono

*versus*

Direttur tas-Sigurta` Soċjali

## L-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurta` Soċjali - Pensjoni dwar Servizzi

*Dan huwa appell kontra d-deċiżjoni ta' l-arbitru maħtur taħt l-Att ta'l-1987 dwar is-Sigurta` Soċjali. Din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant li fl-applikazzjoni tal-liġi kif inhi viġenti llum hemm rikjest li biex pensjoni tas-servizz tkun verament pensjoni tas-servizz trid tkun imħallsa mill-prinċipal lill-impjegat b'mod li anke jekk relatata esklussivament ma' l-għoti ta' servizz fil-passat ma tkunx pensjoni tas-servizz jekk tkun mogħtija minn ħaddieħor.*

*Dak li tirrikjedi l-liġi huwa n-ness bejn il-ħlas jew il-perċepiment tal-pensjoni mas-servizz li jkun ingħata qabel imma mhux neċessarju li l-ħlas isir mill-prinċipal; hu ovvju għalhekk li l-leġislatur ried biex jiġi stabbilit jekk pensjoni hix waħda tas-servizz jew le li wieħed jikkonċentra mhux fuq min ikun qed iħallas dik il-pensjoni jew gratifikazzjoni iżda x'inhi verament il-kawża ta' dak il-ħlas; u dak li tirrikjedi l-liġi huwa biss li dak il-ħlas ta' pensjoni jew gratifikazzjoni jkun "dwar servizzi li jkunu qabel ingħataw f'Malta jew barra minn Malta".*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell magħmul minn Emanuel Debono kontra d-deċiżjoni ta' l-Arbitru maħtur taħt l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurta` Soċjali, liema deċiżjoni ngħatat fis-6 ta' Ġunju, 1994 li kienet taqra hekk:

"Dan l-appell huwa kontra d-deċiżjoni tad-Direttur dwar l-ammont tal-pensjoni awtorizzata favur l-apellant;

Il-vertenza bejn il-partijiet hija dwar jekk il-pensjoni li l-appellant qed jirċievi mill-*Lloyd's Register Superannuation Fund* hijiex *service pension* (kif jgħid id-Direttur) jew le (kif jgħid l-appellant) għall-fini tad-determinazzjoni tal-pensjoni;

Din il-vertenza tinvolvi ovvjament punt ta' liġi, prinċipalment l-interpretazzjoni ta' *service pension* u għalhekk tagħmel appellabbli d-deċiżjoni tad-Direttur;

Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att *service pension* hija definita bħala *"a pension or other allowance awarded to a person in respect of past services in Malta or abroad and shall in each and every case be considered on an uncommuted basis"* ("pensjoni jew *allowance* oħra mogħtija lil persuna dwar servizzi li jkunu qabel ingħataw f'Malta jew barra minn Malta u għandha f'kull każ singolu titqies fuq bażi mhux kommutata");

Skond din id-definizzjoni r-rekwiżiti huma biss li l-ħlas ikun pensjoni jew *allowance*, biss li tingħata lill-persuna (impjegat jew aħjar ex-impjegat) u li tingħata minħabba s-servizzi li jkun ta;

Il-pensjoni li għandu l-appellant mil-*Lloyd's Register Superannuation Fund* għandha r-rekwiżiti rikjesti mil-liġi għaliex hija pensjoni li ngħatat lill-appellant minħabba l-impjieg tiegħu mal-*Lloyd's Register of Shipping*;

L-argumenti ta' l-appellant biex isostni li dik il-pensjoni mhix *Service Pension* m'humiex validi. Infatti:

1) Il-fatt li l-appellant, waqt l-impjieg tiegħu, ikkontribwixxa għas-*Superannuation Fund* u ħallas regolarment il-kontribuzzjonijiet skond l-att mhux rilevanti għaliex l-att bl-ebda mod ma jagħti drittijiet addizzjonali għal min jikkontribwixxi għal xi Pensjoni jew *Superannuation Fund*;

2) Il-kelma *awarded* ("mogħtija" ma tistax tiġi interpretata bħala xi ħaġa mogħtija mingħajr dritt, imma fis-sens letterali, komuni u loġiku li l-impjegat jibda jirċievi ħlas regolari perjodiku wara li jintemm l-impjieg tiegħu;

3) Huwa veru li fl-Att XXI ta' l-1979 il-"gratifikazzjoni" (l-ekwivalenti tal-"Pensjoni tas-Servizz") kienet ħlas "minn prinċipal lill-persuna impjegata", **iżda taħt l-att viġenti r-rekwiżit li l-ħlas isir mill-prinċipal ma ġiex inkluż**; dan juri li l-leġislatur irid ineħħi kull okkażjoni ta' kwistjoni dwar min effettivament iħallas il-pensjoni/gratifikazzjoni;

4) Huwa veru wkoll li l-impjegati tal-*Lloyd's Register of Shipping* ma kinux obbligati li jipparteċipaw fil-*Fund*, iżda huwa ugwalment veru li biex wieħed jipparteċipa jrid bilfors ikun impjegat mar-*Register*;

5) Il-fatt li l-*Fund* għandu, skond il-liġi Ingliża, personalita' ġuridika indipendenti mir-*Register* mhux importanti għaliex il-*Fund* iħallas pensjoni lill-impjegati tar-*Register* minn fondi akkumulati bil-kontribuzzjonijiet ta' l-impjegati u tar-*Register*;

Għalhekk l-Arbitru jiċħad l-appell ta' Emanuel Debono";

Minn din id-deċiżjoni, Emanuel Debono, peress li ħassu

aggravat biha, interpona appell li ġie pprezentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Lulju, 1994;

Fl-ewwel lok bħala fatti l-appellant jissottometti dan li ġej:

Li huwa beda jaħdem mal-*Lloyd's Register of Shipping* fl-1 ta' Jannar, 1968 bħala *probationer surveyor*. Tnax-il xahar wara huwa ġie kkonfermat bħala *exclusive surveyor*. Fl-istess żmien, jiġifieri fl-1969, l-esponenti daħal membru tal-*Lloyd's Register Superannuation Fund*, fejn beda jikkontribwixxi 6% mill-*gross salary* tiegħu lejn l-Assoċjazzjoni. Huwa baqa' *jagħmel il-*kontribuzzjoni tiegħu sa meta rtira fl-14 ta' April, 1991 meta għalaq 62 sena. Għandu jingħad illi f'dan iż-żmien huwa kien ukoll iħallas il-kontribuzzjonijiet tan-*national insurance* skond il-liġi viġenti f'Malta u dan ukoll baqa' jagħmlu fuq bażi regolari sal-ġurnata meta rtira;

Meta rtira huwa applika regolarment għal pensjoni u ġie mogħti biss Lm11 fil-ġimgħa bħala pensjoni mill-Istat u dan għaliex il-pensjoni illi huwa kien qed jirċievi mil-*Lloyd's Superannuation Fund* ġiet meqjusa bħala "pensjoni tas-servizz", skond l-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali, u għalhekk kellha *tiġi mnaqqsa* mill-pensjoni li kellu dritt għaliha mill-Istat. Għalhekk huwa kellu jinterponi appell lid-Direttur tas-Servizzi Soċjali għaliex dehrlu li kien intitolat għal pensjoni regolari u dan għaliex huwa kien ħallas il-kontribuzzjonijiet tan-*national insurance* fuq bażi regolari bil-*maximum rate*. Dan skond hu kien jintitolah għal pensjoni tax-xjuħ meta rtira fl-1991. L-Arbitru b'deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Ġunju, 1994 ikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali, għar-raġunijiet premessi fl-istess deċiżjoni";

L-aggravji ta' l-appellant huma dawn li ġejjin:

"(a) Il-liġi taħti definizzjoni ta' pensjoni tas-servizz fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali: "pensjoni tas-servizz tfisser pensjoni jew *allowance* oħra <u>mogħtija</u> lil persuna dwar servizzi li jkunu qabel ingħataw f'Malta jew barra minn Malta u għandha f'kull każ singolu titqies fuq bażi mhux kommutata". Din id-definizzjoni tal-liġi skond l-appellant, għandha tiġi inkwadrata kemm fl-isfond ta' l-intenzjoni tal-leġislatur meta għaddiet il-liġi kif ukoll fl-isfond ta' l-Assoċjazzjoni li tagħha l-esponenti huwa membru;

(b) Fl-1979 in-*National Insurance Act* kienet ġiet emendata u ġiet introdotta l-pensjoni taż-żewġ terzi fejn pensjonant kien ġie intitolat illi jieħu bħala pensjoni żewġ terzi mill-paga tiegħu bħala massimu. Il-liġi ġiet ukoll emendata fis-sens illi persuna li hi intitolata għal pensjoni tas-servizz kien ikollha l-pensjoni ta' l-Istat imnaqqsa biex b'hekk iż-żewġ pensjonijiet ma jkunux jeċċedu ż-żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli ta' l-individwu. Imma bl-ebda mod din il-liġi ma kienet messet l-investiment f'*annuities* li persuna tkun għamlet ma' xi assikurazzjoni fuq bażi volontarja;

(ċ) Fl-imsemmi Att XXI ta' l-1979, ġiet introdotta taqsima ġdida għal-liġi viġenti dak iż-żmien, jiġifieri l-Liġi tas-Sigurta' Nazzjonali. Fit-Taqsima Ħamsa u preċiżament fl-artikolu 68 ta' l-Att, ġiet introdotta terminoloġija ġdida, l-hekk imsejħa <u>gratifikazzjoni</u> fejn il-leġislatur iddefinixxa t-terminu bħala "kull somma ta' flus, tkun kif tkun deskritta, li jkollha titħallas jew tkun tħallset, sew direttament u sew jekk taħt skema kontributorja jew le, <u>minn prinċipal lil persuna impjegata</u> minħabba jew bħala konsegwenza ta' l-irtir ta' dik il-persuna mill-impjieg tagħha". Fl-

artikolu 72, il-liġi tkompli tgħid illi meta persuna hi intitolata għal din il-gratifikazzjoni, din titiqes bħala pensjoni ipotetika fis-sena. Fis-subartikolu 3(a) il-liġi tgħid: "meta l-persuna assigurata ma jkollhiex jedd għal pensjoni tas-servizz, l-imsemmija pensjoni ipotetika għandha titqies bħala pensjoni tas-servizz li tkun ġiet kommutata għal kollox". Dan jindika illi pensjoni tas-servizz tiġi dejjem imħallsa minn prinċipal lil impjegat. Dan huwa wkoll ikkonfermat mis-subartikolu 3(d) fejn il-liġi tgħid is-segwenti: "meta l-persuna assigurata jkollha dritt għal pensjoni tas-servizz li titħallas minn prinċipal wieħed u għal gratifikazzjoni li titħallas minn prinċipal ieħor ...." Huwa ċar għalhekk illi fir-rigward ta' pensjoni ta' servizz kif ukoll il-gratifikazzjoni msemmija fil-Liġi tas-Sigurta' Nazzjonali hemm rabta stretta bejn il-prinċipal u l-impjegat tiegħu f'dak li jirrigwarda pensjoniijiet meta dan jasal biex jirtira;

(d) Skond l-appellant, pero', dan ċertament ma huwiex il-każ tiegħu. Huwa ma jirċevi l-ebda pensjoni mill-prinċipal tiegħu. Il-*Lloyd's Register Superannuation Fund Association* hija ċertament indipendenti mill-prinċipal tal-*Lloyd's Register of Shipping*. L-Assoċjazzjoni għandha statut għaliha u l-fondi ta' l-istess Assoċjazzjoni jiffurmaw *trust*. Fil-fatt fl-artikolu 6 tad-*Deed of Constitution* ta' l-Assoċjazzjoni hemm indikat is-segwenti:"*the funds of the said Association shall be vested in and held by the trustees under the legal control of the trustees in the manner provided by the Trust Deed and the capital and income thereof shall be applied in accordance with the provisions and so as to carry effect the objects of that Deed and the said Scheme and not otherwise*." Huwa risaput fil-liġi ingliża illi t-*trust* għandha personalita' ġuridika indipendenti mill-membri tagħha. Il-pensjoni illi jirċevi l-esponenti għalhekk ma għandhiex titqies bħala pensjoni tas-servizz, u dan minħabba l-fatt illi l-esponenti ma jipperċepixxi l-ebda pensjoni mill-prinċipal

tiegħu iżda qiegħed jibbenefika mill-fond benefiċċjarju tat-*Trust*. Fil-fatt fl-artikolu 33 ta' l-Istatut ta' l-Assoċjazzjoni jindika ċar u tond illi l-pensjoni titħallas fil-fatt mill-fondi ta' l-istess Assoċjazzjoni: "*The Committee of Management may make arrangements with the General Committee (or with the Board if appropriate) for pensions other sums from time to time payable out of the Fund to be paid either by the Register or by the Company (as the case may be) as agents for and on behalf of the Association and any money so paid either by the Register or by the Company shall be payable to them out of the Fund on demand or may be deducted by them from any monies in their hands for which they may be accountable to the Fund*". L-artikolu 12 ta' l-Istatut fil-fatt jindika illi: "*an officer (an officer means such person as for the time being shall be in the Serviec and shall have joined the Association as provided by the Rules), retiring from the Service on or after attaining normal retiring age shall become entitled on retirement to receive a pension from the Fund*";

(e) Wieħed għandu jinnota wkoll illi huwa neċessarju illi l-impjegat jirratifika l-Istatut ta' l-Assoċjazzjoni biex b'hekk jikkwalifika bħala membru fl-istess Assoċjazzjoni. Impjegat illi jiddeċidi illi ma jridx jifforma parti ta' l-Assoċjazzjoni u ma jħallasx il-kontribuzzjonijiet relattivi ma jkunx intitolat għal pensjoni meta jirtira. F'ittra ta' l-1 ta' Frar, 1994 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni, ġie indikat is-segwenti: "*Membership of the Fund is not a condition of service. Employees who have not joined the Fund would not qualify for benefits therefrom on retirement*". L-artikolu 4 ta' l-Istatut fil-fatt jindika s-segwenti: "*The persons joining the Association shall ratify this Agreement and express their assent to be bound by the provisions, rules and regulations contained in the Deed of Constitution and the Scheme by writing under their respective hands*

*in the relevant form hereunto annexed*". Inoltre fl-artikolu 15 ta' l-Istatut jingħad: "*an officer's pensionable service shall commence on the date he joined or is have deemed to have joined the Association*";

(f) Għaldaqstant wieħed jikkonkludi illi dak li jintitola lill-impjegat tal-*Lloyd's Register of Shipping* huwa biss, li jekk irid u jixtieq jaħseb għal rasu u jassigura għixien diċenti meta jirtira, hu jista' jsir membru tal-*Lloyd's Register Superannuation Fund Association*. Mhuwiex kundizzjoni jew parti mill-kundizzjonijiet ta' l-impjieg";

*Omissis*;

Il-konklużjoni, għalhekk, jidher li l-appellant qiegħed jissottometti illi filwaqt li pensjoni ta' servizz tingħata minn prinċipal lill-impjegat tiegħu, f'dan il-każ għandu jiġi deċiż minn din il-Qorti illi huwa jirċievi r-*return* mill-*Lloyd's Register Superannuation Fund* kif indikat aktar 'il fuq bħala riżultat u in forza ta' investiment li kien għamel huwa stess minn jeddu u mhux għax kien obbligat. Huwa kien jikkontribwixxi lejn dan il-Fond ta' l-Assoċjazzjoni regolarment bħala membru. Hija essenzjali illi impjegat ikun membru ta' l-Assocjazzjoni biex jikkwalifika għall-benefiċċju għal min jirtira. Il-fatt li persuna tkun impjegata mal-kumpannija ma tintitolahiex għall-pensjoni jekk hija fl-istess waqt ma tkunx membru ta' l-Assoċjazzjoni u ma tkunx irratifikat l-istatut ta' l-assoċjazzjoni;

Ikkunsidrat:-

Jiġi osservat fl-ewwel lok li ħafna minn dak li qiegħed jissottometti l-appellant fir-rikors ta' l-appell tiegħu quddiem dir

il-Qorti ġie sottomess bil-miktub bin-nota ta' osservazzjonjiet tiegħu ippreżentata lill-Arbitru fil-kors tal-proċeduri li saru quddiemu. Infatti din il-Qorti biex tkun edotta aħjar biċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ kollu u x'wassal għad-deċiżjoni ta' l-Arbitru talbet u otteniet kopja tal-proċeduri kollha li saru quddiem l-Arbitru u fosthom hemm in-nota ta' osservazzjonijiet li l-appellant kien ippreżenta f'dik l-istanza;

Id-Direttur tas-Sigurta' Soċjali in risposta għall-appell ta' Emanuel Debono jissottometti dan li ġej:

(1) Illi l-unika konsiderazzjoni rilevanti għall-każ ta' l-appellant hu l-fatt jekk hu kienx qed jirċievi l-pensjoni mingħand il-*Lloyd's* in konsegwenza ta' servizzi li hu kien ta lill-*employer* tiegħu;

(2) Illi l-appellant irċieva l-pensjoni mil-*Lloyd's Register of Shipping* għaliex hu kien impjegat tiegħu u kif jinsab ikkonfermat mill-istess *Register*, dan, flimkien ma' l-impjegati tiegħu jikkontribwixxu għal *Fund* biex finalment, meta jirtira l-impjegat, tingħatalu l-pensjoni tas-servizz;

(3) Illi huwa kompletament irrilevanti l-fatt li din l-iskema ta' pensjoni kinitx volontarja jew le għaliex il-qofol f'din il-vertenza li l-impjegat meta ppartecipa flimkien ma' l-*Employer Fund* ried li jingħata pensjoni in konsegwenza u per effett dirett għas-servizzi li huwa kien ta lil min iħaddmu;

Oltre dana d-Direttur tas-Sigurta' Soċjali jissottometti wkoll illli ebda paragun ma jista' jreġi bejn l-għoti ta' pensjoni tas-servizz mil-*Lloyd's Register* lill-appellant tramite l-*Fund* u assigurazzjoni

ordinarja. F'każ ta' assigurazzjoni ordinarja l-ħlas tal-*premium* isir biss mill-assigurat mingħajr ebda kontribuzzjoni tal-kumpanija assiguratriċi. Għall-kuntrarju, fil-każ in diżamina, u kif jirriżulta mill-inkartament ta' quddiem l-Arbitru, kemm l-impjegat kif ukoll l-*employer* jikkontribwixxu lill-*Fund*;

Id-Direttur jissottometti li huwa ovvju li tali kontribut mill-*employer* lill-*Fund* huwa intiż biex finalment tingħata pensjoni lill-impjegat minħabba s-servizz li dan ta' l-aħħar ikun tah u mhux biex reċiprokament jidħlu f'xi investiment reditizju;

Id-Direttur jissottometti wkoll li d-definizzjoni mogħtija fl-artikolu 2 ta' l-Att tas-Sigurta' Soċjali (Kap. 318) hija ċara u wiesgħa biżżejjed biex tikkomprendi fl-intier tagħha s-sitwazzjoni ta' l-appellant. Tali definizzjoni ma tagħti lok għal ebda ekwivoku jew ambigwita' u għalhekk tapplika pjenament il-massima tant tal-petizzjoni li *ubi nulla ambiguitas verborum est, non est facienda voluntatis questio* ....

*Omissis*;

Fil-fehma ta' din il-Qorti s-soluzzjoni kollha ta' din il-vertenza għalkemm apparentement tidher ikkomplikata minħabba n-numru ta' sottomissjonijiet li saru speċjalment da parti ta' l-appellant, hija abbastanza faċli u tirrisolvi ruħha *sic et sempliciter* dwar jekk dak li qed jipperċepixxi l-appellant bħala riżultat tal-kontribuzzjonijiet li huwa għamel fil-*fund* imsemmi hux pensjoni jew *allowance* kif definiti fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att imsemmi;

Is-subartikolu msemmi huwa fil-fehma tal-Qorti ampju biżżejjed biex ikopri kull pensjoni u kull *allowance* oħra mogħtija

lill-persuna dwar servizzi li jkunu qabel ingħataw f'Malta jew barra minn *Malta*. *Issa f'dan il-każ partikolari*;

*Omissis*;

jidher li ma tistax tirriżulta ebda xissjoni bejn l-eleġibilita` ta' l-appellant li jipparteċipa fil-*Fund* u l-impjieg illi huwa kellu mal-*Lloyd's Register of Shipping*;

Fil-fehma tal-Qorti s-sitwazzjoni li temerġi hija waħda sempliċi biżżejjed u ċjoe` l-appellant kien intitolat li jekk irid fuq bażi volontarja, jipparteċipa f'din is-*Superannuation Fund* mhux għax dan il-*Fund* huwa aċċessibbli għal kulħadd imma għaliex huwa aċċessibbli għal min bħalu kien jagħti servizzi lil-*Lloyd's Register of Shipping*. Il-fatt illi l-*Lloyd's Register Superannuation Fund Association* hija *pension scheme* stabbilita taħt *trust deed* huwa rrilevanti għaliex;

*Omissis*;

essenzjalment dak li huwa rilevanti huwa illi din hija xejn aktar u xejn inqas minn skema ta' pensjoni li ġiet ikkrejata biex tagħti l-possibilita` lil dawk l-impjegati tal-*Lloyd's Register* li riedu jiffurmaw parti minnha li jibbenefikaw minnha;

Hemm punt ieħor sollevat mill-appellant u li hu rifless ukoll da parti mid-deċiżjoni ta' l-Arbitru. Dan jirrigwarda dak li ġie deċiż mill-Arbitru u ċjoe` li għalkemm huwa veru li fl-Att XXI ta' l-1979 il-"gratifikazzjoni" (l-ekwivalenti tal-"Pensjoni tas-Servizz") kienet ħlas "minn prinċipal lill-persuna impjegata", taħt l-Att viġenti r-rekwiżit li l-ħlas isir mill-prinċipal ma ġiex inkluż u dan juri li l-

leġislatur irid ineħħi kull okkażjoni ta' kwistjoni dwar min effettivament iħallas il-pensjoni jew gratifikazzjoni ;

L-appellant fil-fehma tal-Qorti, minkejja t-tibdil fil-liġi, jew aħjar minkejja s-sostituzzzjoni ta' liġi b'oħra, u minkejja d-differenza ovvja li teżisti bejn iż-żewġ liġijiet kif dimostrat mill-Arbitru, xorta waħda jsostni li biex wieħed jifhem il-veru sinifikat tal-kelma pensjoni tas-servizz xorta waħda jrid iħares lejn l-Att ta' *l-1979* u minu għandu jiddeżumi li pensjoni tas-servizz minnha nfisha hija dejjem imħallsa minn prinċipal lill-impjegat u jagħmel riferenza għall-artikoli 68, 72(3)(a) u (d). Għalhekk jissottometti, illi fir-rigward ta' pensjoni tas-servizz kif ukoll il-gratifikazzjoni *fil-Liġi* tas-Sigurta' Nazzjonali hemm rabta stretta bejn il-prinċipal u l-impjegat tiegħu f'dak li jirrigwarda pensjoniiet meta dan jasal biex jirtira. Fl-aħħarnett l-appellant jissottometti li dan mhux il-każ tiegħu billi huwa ma jirċievi l-ebda pensjoni mill-prinċipal tiegħu u qiegħed biss jibbenefika mill-fond fiduċjarju tat-*trust*;

Din il-Qorti sempliċement ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant li fl-applikazzjoni tal-liġi kif inhi viġenti llum hemm rikjest li biex pensjoni tas-servizz tkun verament pensjoni tas-servizz trid tkun imħallsa mill-prinċipal lill-impjegat b'mod li anke jekk relatata esklussivament ma' l-għoti ta' servizz fil-passat, ma tkunx pensjoni tas-servizz jekk tkun mogħtija minn ħaddieħor. Dak li tirrikjedi l-liġi huwa n-ness bejn il-ħlas jew il-perċepiment tal-pensjoni mas-servizz li jkun ingħata qabel imma mhux neċessarju li l-ħlas isir mill-prinċipal; hu ovvju għalhekk li l-leġislatur ried biex jiġi stabbilit jekk pensjoni hix waħda tas-servizz jew le li wieħed jikkonċentra mhux fuq min ikun qed iħallas dik il-pensjoni jew gratifikazzjoni iżda x'inhi verament il-kawża ta' dak *il-ħlas*; u dak li tirrikjedi l-liġi huwa biss li dak il-ħlas ta' pensjoni jew

gratifikazzjoni jkun "dwar servizzi li jkunu qabel ingħataw f'Malta jew barra minn Malta". Dan effettivament jirrifletti wkoll kif tbiddlet il-fehma tal-leġislatur li bil-promulgazzjoni tal-liġi l-ġdida evidentement ma baqax iħares lejn il-pensjoni tas-servizz bħala pagament neċessarjament marbut mal-persuna jew il-figura tal-prinċipal;

F'dan il-kwadru din il-Qorti ma tarax illi huwa l-każ li toqgħod tidħol biex tirrispondi punt punt is-sottomissjonijiet legali li saru mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tiegħu kif ukoll fil-kors tat-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti li għalkemm studjati jibqgħu dejjem marġinali għall-kwistjoni vera u involuta f'dan il-każ u ċjoe` jekk din il-pensjoni li qiegħed jipperċepixxi l-appellant bħala riżulat tal-kontribuzzjoni tiegħu fis-*Superannuation Fund* imsemmi hijiex fit-termini tas-subartikolu imsemmi pensjoni jew *allowance* għall-fini ta' l-Att imsemmi. Din il-Qorti m'għandhiex dubbju illi, dur dur, l-unika konklużjoni li tista' tasal għaliha hija li effettivament din hija waħda minn dawk il-pensjonijiet li huma milquta mis-subartikolu msemmi u għalhekk il-konklużjoni tagħha hija li d-deċiżjoni ta' l-Arbitru timmerita li tiġi kkonfermata;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni ta' l-Arbitru. Spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet stante n-novita` tal-kwistjonijiet involuti.